

Brussell, 20 ta' Frar 2026
(OR. en)

6184/26

SOC 70
EMPL 28
EDUC 43
JEUN 25
ECOFIN 177

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rieżami mill-Kumitat tal-Impjiegi tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż- Żgħażaġħ: Messaġġi Ewlenin - <i>Approvazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-Messaġġi Ewlenin tar-rieżami mill-Kumitat tal-Impjiegi tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, kif trazzmessi minn dan il-Kumitat (EMCO), bil-għan li jiġu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) tad-9 ta' Marzu 2026.

Il-konklużjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tar-rieżami mill-Kumitat tal-Impjiegi tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ jinsabu fid-dokument 6184/26 ADD 1.

Rieżami mill-EMCO tal-implimentazzjoni
tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-Tisħiħ tal-
Garanzija għaż-Żgħażaġħ

Messaġġi Ewlenin għall-Kunsill

1. Introduzzjoni

Il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) ingħata l-kompitu li jimmonitorja l-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjiegi – It-Tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.¹ Fl-2021, il-Kumitat iffoka fuq l-impatt sproporzjonat tal-kriżi tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh, filwaqt li rrifletta fuq il-passi li saru fl-Istati Membri kollha lejn approċċ aktar sistematiku u koerenti fl-indirizzar tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażaġh, minkejja l-pandemija. Fl-2023, il-Kumitat innota żieda fl-effiċjenza tal-programmi ta' attivazzjoni, b'titjib fis-sehem ta' eżiti f'waqthom u pożittivi mill-iskemi ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ meta mqabbel mas-snin preċedenti.

Fl-2025, ir-rieżami multilaterali ffoka fuq l-identifikazzjoni ta' sfidi strutturali u istituzzjonali li jipprevjenu l-integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ (NEETs) fis-suq tax-xogħol. Ir-rieżami wera li, fir-rigward tal-indirizzar tal-isfidi kemm tan-NEETs qiegħda kif ukoll ta' daww inattivi, diversi Stati Membri għadhom jiffokaw primarjament fuq l-attivazzjoni tradizzjonali u l-appoġġ għas-suq tax-xogħol ipprovduti prinċipalment mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES). Filwaqt li huma rikonoxxuti bħala spjegazzjonijiet validi u importanti għall-inattività tan-NEETs, qed jittieħdu inqas miżuri biex jiġu indirizzati ostakli bħar-responsabbiltajiet ta' kura, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, in-nuqqas ta' aċċess għal trasport affordabbli, mard u diżabilitajiet.

¹ Fl-2016, l-2018 u l-2019, il-Kunsill (EPSCO) approva ġabra ta' Messaġġi Ewlenin imħejjija mill-EMCO abbażi tal-monitoraġġ minnu tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Dawn issottolinjaw l-importanza tal-prevenzjoni, l-intervent bikri, sħubiji b'saħħithom fl-Istati Membri, kif ukoll ir-rwol kruċjali tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Mill-2021, kompla l-monitoraġġ fl-EMCO tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-Tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

2. Il-progress miksub

L-Istati Membri kollha għamlu progress fl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, b'mod partikolari dawk fejn għad hemm lakuni kbar, għalkemm il-progress f'pajjiżi u reġjuni differenti jinsab fi stadji differenti u huwa influwenzat ukoll minn żviluppi makroekonomiċi usa'. L-impatt tax-xejriet demografiċi huwa viżibbli: hekk kif il-koorti iżgħar qed jiċkienu, l-għadd ta' NEETs qed jonqos ukoll. Fl-istess ħin, il-proporzjon dejjem akbar ta' NEETs inattivi (meta mqabbla ma' NEETs qiegħda) fost il-benefiċjarji potenzjali u l-kopertura tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ li għadha baxxa fxi każijiet jindikaw potenzjal ta' attivazzjoni sinifikanti mhux sfruttat. Tabilħaqq, filwaqt li n-NEETs bl-aħjar prestazzjoni jiksibu eżiti pożittivi mill-iskemi nazzjonali, ħafna żgħażagħ inattivi għadhom mhumieq qed jidħlu f'dawn il-programmi, u dan jissuġġerixxi htega potenzjali ta' tfassil mill-ġdid ta' dawn l-iskemi.

Biex iwieġbu għal dawn ix-xejriet, l-Istati Membri rrapportaw dwar bosta riformi matul ir-rieżami, li jirriflettu l-isforzi li għaddejjin u l-impenn kontinwu biex tiġi implimentata bis-sħiħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ. B'mod partikolari, dawn kienu jinkludu azzjonijiet biex jissaħħu l-PES, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), u t-tqabbil tal-ħiliet, kif ukoll biex jitneħħew l-ostakli li għad fadal għall-impjiegi. Minkejja impenn mifruq, ir-rieżami indika lakuni fl-ippjanar strateġiku, b'mod partikolari l-użu limitat ta' objettivi definiti b'mod ċar, miri u valutazzjonijiet tal-impatt sistematiċi kemm fil-livell tal-proġetti kif ukoll f'dak tal-programmi. Għalhekk, biex jiġu appoġġati b'mod effettiv il-gruppi kollha ta' NEETs fil-mira, huwa kruċjali li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tfassil strateġiku komprensiv u ta' evalwazzjonijiet tal-impatt fil-livell nazzjonali.

Għad hemm differenzi sinifikanti fir-rati ta' kopertura bejn l-Istati Membri, u kollha kemm huma qed jaħdmu biex jintlaħqu aktar nies u titjeb is-sensibilizzazzjoni. L-involviment ta' NEETs inattivi - b'mod partikolari dawk li ma huma rreġistrati fl-ebda sistema - jibqa' sfida persistenti. Il-bidla li għaddejja mill-qgħad għall-inattività f'dan il-grupp fil-mira wasslet biex dawn iż-żgħażaġh ikunu dejjem aktar diffiċli biex jintlaħqu, speċjalment f'żoni remoti jew rurali. F'xi Stati Membri għad hemm differenzi notevoli bejn il-ġeneri, u għadha meħtieġa attenzjoni speċifika għal gruppi bħaż-żgħażaġh Rom, il-migranti, in-nisa żgħażaġh, iż-żgħażaġh fiż-żoni rurali, il-persuni b'diżabilità, u ż-żgħażaġh bi problemi tas-saħħa, speċjalment dawk relatati mas-saħħa mentali. B'mod ġenerali, ir-rieżamijiet jenfasizzaw l-isfida tal-kombinazzjoni tal-ħidma biex jintlaħqu n-nies mal-ġhoti ta' servizzi integrati: filwaqt li approċċi integrati lokalment jistgħu jipprovdu servizzi mfassla apposta u jrawmu l-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet, il-partijiet ikkonċernati, u l-fornituri tas-servizzi, hija meħtieġa koordinazzjoni ċentralizzata biex jiġi żgurat li jkunu koperti r-reġjuni kollha u li s-servizzi jingħataw b'mod konsistenti.

L-immappjar tan-NEETs u tas-servizzi disponibbli tjeib fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'ħafna jirrapportaw sorsi u strumenti tajbin. Madankollu, l-isfida hija li jiġu indirizzati r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data sabiex ikun hemm kooperazzjoni u skambju effiċjenti ta' data personali bejn l-istituzzjonijiet jew is-servizzi, filwaqt li jiġi enfasizzat kompromess kumpless bejn il-ħidma biex jintlaħqu n-nies u l-privatezza. Id-delegati enfasizzaw l-importanza ta' approċċi transsettorjali u l-ġhoti ta' servizzi integrati lokalment, li jibbilanċjaw servizzi lokali mfassla apposta u ta' kwalità għolja mal-koordinazzjoni ċentrali biex jiġi żgurat aċċess ekwu fir-reġjuni kollha. Is-sħubijiet lokali jistgħu jrawmu soluzzjonijiet innovattivi li jinvolvu diversi atturi tas-soċjetà, għalkemm jippreżentaw ukoll sfidi ta' koordinazzjoni.

3. Sfidi li fadal

L-isfidi istituzzjonali li jxekklu t-twettiq effettiv tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ huma komuni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Dawn jinkludu spariġġ fil-ħiliet, inkluż allinjament insuffiċjenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ mad-domandi tas-suq tax-xogħol; kwistjonijiet ta' saħħa, b'mod partikolari s-saħħa mentali, li jaġixxu bħala ostakli sinifikanti għal ħafna NEETs; appoġġ infrastrutturali limitat, bħad-disponibbiltà ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal u t-trasport pubbliku; kif ukoll sfidi soċjoekonomiċi persistenti, inkluż l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni.

Minbarra dawn l-ostakli istituzzjonali, iż-żgħażaġh għadhom jiffaċċjaw ostakli strutturali u personali li jaffettwaw l-aċċess tagħhom għall-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Dawn jinkludu livelli baxxi ta' kwalifiki, bil-ħtieġa ta' taħriġ mill-ġdid jew titjib tal-ħiliet; swieq tax-xogħol li għadhom ma jistgħux jissodisfaw l-aspettattivi ta' żgħażaġh bi kwalifiki aħjar; attitudnijiet negattivi tal-biċċa l-kbira tal-impjegaturi lejn iż-żgħażaġh; kif ukoll sfond soċjoekonomiku żvantaġġat, bħal ommijiet żgħażaġh, Rom, migranti, jew żgħażaġh b'diżabilità.

Biex jindirizzaw dawn l-ostakli, l-Istati Membri implimentaw bosta miżuri ta' prevenzjoni, inkluż aktar kooperazzjoni mal-iskejjel, forniment ta' informazzjoni aħjar, u ħidma mmirata biex jintlaħqu n-nies. F'dan il-kuntest, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tibqa' għodda ta' politika kruċjali biex iż-żgħażaġh jiġu mġammra b'ħiliet essenzjali, inkluż kemm il-ħiliet bażiċi kif ukoll dawk soċjali. Xi Stati Membri jiddependu ħafna fuq il-finanzjament tal-UE, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), u dan jaġħmel l-integrazzjoni ta' servizzi effettivi fil-baġits nazzjonali essenzjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul.

4. Konklużjonijiet

B'mod ġenerali, ir-rieżami enfasizza li, minkejja impenn mifrux, huma meħtieġa aktar sforzi biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni fost l-atturi fl-ekosistema tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ. Dan jinkludi t-titjib tal-iskambju tad-data, l-integrazzjoni tas-servizzi fis-setturi kollha, l-indirizzar ta' ostakli strutturali u personali persistenti, u l-iżgurar ta' sostenibbiltà finanzjarja fit-tul. Il-prattiki promettenti identifikati matul ir-rieżami li jistgħu jiżiedu fl-Istati Membri jinkludu sħubijiet lokali innovattivi, l-użu ta' għodod diġitali bħall-intelliġenza artifiċjali, allowances għall-mobbiltà biex jiġi appoġġat it-taħriġ, u appoġġ immirat għal gruppi vulnerabbli. Id-delegati enfasizzaw l-importanza li jingħata appoġġ saħansitra aktar immirat u personalizzat liż-żgħażaġh, flimkien ma' ppjanar strateġiku aktar sistematiku u evalwazzjonijiet tal-impatt biex titkejjel l-effettività tal-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.
